MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 985/2010/1

**Appell numru: 985/2010**

**KONNEKT TALENT SEARCH**
**and SELECTIONS CO LTD (C41421)**

**vs**

**AVANTGARDE HOLDINGS LTD (C27163)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fil-11 ta' Jannar 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*'It-Tribunal,*

*Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet l-ammont ta' elf hames mija u tnejn u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,572.23) rappezentanti ammont dovut ghal servizzi ta' 'talent search' u reklutagg rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.*

*Bl-ispejjez prezenti kif ukoll tal-Ittra Ufficjali taht l-Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mit-30 ta' Mejju, 2008 sal-pagament effettiv kontra ssocjeta' konvenuta.*

*Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta pprezentata fis-27 ta' Lulju, 2010 fejn eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante illi s-socjeta' konvenuta qatt ma' obbligat ruhha li thallas xi somma flus lis-socjeta' attrici, u l-persuna li s-socjeta'attrici ssuggeriet ghall-grad ta' logistics manager fi hdan is-socjeta' konvenuta wara allegat talent search ma kienx kompetenti biex iwettaq dak ix-xoghol u l-impjieg u kellu ghalhekk jigi tterminat waqt iz-zmien tal-probation.*

*Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub fl-avviz huwa ferm eccessiv.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.*

*It-Tribunal ra x-xhieda prodotti mill-partijiet fejn fis-16 ta' Dicembru, 2010 xehed Josef Said li spjega kif kienet tahdem s-socjeta' attrici. Din is-socjeta' jkollha klijenti li jitolbuha ssibilhom persuni sabiex jigi mpjegati mal-kumpanija klijenta tas-socjeta' attrici. Dan ix-xhud spjega wkoll it-'terms and conditions of business' li jinkludu fee ta' 10% tas-salarju gross. Il-klijent ghandu credit terms ta' 45 gurnata u refund guarantee ta' sa 100 gurnata mill-*

*bidu tal-impjieg. Spjega wkoll li la darba l-kumpanija klijenta thaddem persuna ssuggerita mis-socjeta' attrici allura din tkun qed taccetta t-'terms of business' tas-socjeta' attrici u dan minghajr il-bzonn ta' ffirmar ta' dokumenti. Dan ix-xhud pprezenta diversi dokumenti in sostenn ta' dak li spjega liema dokument gew immarkati Dokument AHN1 sa AHN 4.*

*Ix-xhud Josef Said fix-xhieda tieghu li kompliet fil-15 ta' Frar, 2011 qal illi Joe Vella r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ma kienx l-ewwel darba li hadem mas-socjeta' attrici u ghalhekk kien jaf kif jahdmu l-affarijiet. Huwa gibed l-attenzjoni ghall-inezattezzi tas-socjeta konvenuta fil-korrispondenzi taghha fejn l-ewwel talbet ghal skrivan imbaghad wara li s-socjeta attrici ssuggeriet lil Bernard Agius, is-socjeta konvenuta' impjegatu bhala Logistic Manager. Wara dan is-socjeta' konvenuta eccepiet li l-persuna ssuggerita ma kinitx ideali ghax-xoghol li nghata u li kien ghalhekk li kellhom jitterminawlu x-xoghol. Mentri fil-fatt Bernard Agius gie redundant. Kif fil-fatt jindika d-dokument ipprezentat a fol 31 tal-process.*

*Inezattezza ohra li dan ix-xhud semma kienet li s-socjeta' konvenuta qalet illi lil Bernard Agius kienet impjegatu ghal ftit gimghat mentri minn dokumenti pprezentati dan gie impjegat ghal erbgha xhur u nofs u kien ghalhekk illi inqabzu l-mitt gurnata ta' impjieg. Dan intqal b'riferenza ghar-refund guarantee illi jekk l-impjegat jithaddem ghal inqas minn mitt gurnata allura s-socjeta' attrici jekk tkun thallset tghati refund u jekk ma tkunx thallset ma jkun dovut xejn lejha.*

*Fil-15 ta' Frar, 2011 xehed Bernard Agius, dan ix-xhud qal illi huwa kien ra r-reklam ghax-xoghol liema reklam kien rah minghand is-socjeta' attrici. Pero l-interview ghax-xoghol kien sarlu minn Joe Vella ghas-socjeta' konvenuta. Dan ix-xhud qal illi war li intghazel u beda jahdem mas-socjeta konvenuta huma kienu tawh xoghol li ma kienx  midhla tieghu u cioe dak ta' Logistic Manager . Meta gibed l-attenzjoni ta' Joe Vella dan qallu biex ma jinkwetax ghax biz-*

*zmien kien ser jidra. Joe Vella kien irrikonoxxa li x-xoghol mghoti ma kienx ix-xoghol ta' Bernard Agius pero qallu biex jekk ikollu xi problema jkellem lilu. Meta kienu waslu biex jiffirmaw il-kuntratt tax-xoghol Bernard Agius rega gibed l-attenzjoni li l-kuntratt kien ghal Logistic Manager pero Joe Vella qallu biex jiffirma u ma jghatix kaz il-wording tal-kuntratt.*

*Fil-fatt dan ix-xhud qal "Meta applikajt mal-Konnekt qatt ma riedu Logistic Manager, il-post kien ta' 'store keeper' .... ... kieku r-reklam kien ta' Logistic Manager jien ma kontx napplika ghaliex m'inix kompetenti ghal dan il-post". Xehed ukoll Joe Vella li fix-xhieda tieghu qal illi l-administration manager tieghu Manuel Camilleri inzerta jaf lil Bernard Agius ghax kien ghamel xi zmien jahdem ma Gasan u kien qallu li "as such kien pjuttost naqra slow pero konna b'xi mod jew iehor ingibuh b'naqra training. Dan ix-xhud mistoqsi jekk kienx ra s-CV ta' Bernard Agius qall illi Josef Said kien qallu li Bernard Agius kellu 40 sena esperjenza bhala store keeper ma Gasan u allura ma hassx il-bzonn li jistaqsi ghal dettalji ohra".*

*Xehdu wkoll Mattias Vella u David Zammit ghas-socjeta' konvenuta. It-tribunal ihoss illi d-diversi skuzi li ngiebu mis-socjeta' konvenuta mhumiex bizzejjed biex jikkonvincu lit-Tribunal li dawn m'ghandhomx ihallsu ghas-servizz li nghataw mis-socjeta' attrici. Jekk wiehed jara l-iskuzi li ngiebu bhal dik tal-posizzjoni tal-posizzjoni ta' Logistic Manager, it-Tribunal ihoss illi la darba Joe Vella gie infurmat illi Bernard Agius kellu 40 sena esperjenza ta' store keeper ma' Gasan fl-ebda hin ma gie ppruvat illi ntqal lilu li kien logistic manager. Joe Vella qal illi wara li Josef Said qallu b'din l-esperjenza ta' 40 sena ma kellux ghalfejn jistaqsi ghal iktar informazzjoni. Habat ukoll illi l-administration manager tas-socjeta' konvenuta kien jahdem ma' Bernard Agius ma' Gasan u dan intqal minn Joe Vella stess mela allura l-administration manager bhala ma qallu li Bernard Agius kien pjuttost naqra slow qallu ukoll li*

*kien biss store keeper ma' Gasan u mhux logistic Manager. Bernard Agius xehed ukoll illi fil-bidu tal-impjieg kien infurmak lil JoeVella li ma kienx jaf ix-xoghol li tawh u rega' infurmah waqt l-iffirmar tal-kuntratt dwar il-posizzjoni ta' logistic manager. It-Tribunal ihoss illi din il-kwistjoni kienet iktar wahda li s-socjeta' konvenuta hasbet illi setghet tinqeda b'persuna li kien store keeper sabiex jaghmel xoghol ta' logistic manager u jithallas bir-rata ta' store keeper. Bernard Agius stess qal illi kieku l-post kien jaf li kien ghal Logistic Manager ma kienx japplika ghax mhux kompetenti ghalih. L-eccezzjoni l-ohra migjuba quddiem it-Tribunal kienet li ma hemmx hemm kuntratt iffirmat. Dwar dan it-terms of business is-socjeta' konvenuta kienet tafhom stess ghaliex mid-dokumenti jirrizulta li din ma kinitx l-ewwel darba li hadmu mas-socjeta' attrici u ghalhekk kienu jafu kif tahdem is-sistema. Wahda mill-kundizzjonijiet jirrizulta li kienet illi malli klijent jimpjega persuna ssuggerita mis-socjeta' attrici allura jkun qed jaccetta t-terms of business taghha. Dan jinkludi ukoll il-kundizzjoni tar-refund guarantee li meta persuna tithaddem ghal inqas minn mitt gurnata allura mal-fee ma tkunx dovuta. F'dan il-kaz gie ppruvat illi Bernard Agius kien impjegat ghal iktar minn mitt gurnata u spicca redundant kif jirrizulta mid-dokument Termination of Employment. Minkejja dan is-socjeta' konvenuta allegat illi hija nizzlet il-kelma redundant mhux ghax veru kien redundant imma ghal beneficcju tal-impjegat u din il-verzjoni t-Tribunal isibha difficli biex jemminha.*

*Dwar l-eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa eccessiv dan johrog ukoll mit-terms of business fejn is-socjeta' attrici tithallas l-ammont ta' 10% tas-salarju gross annwu. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talbiet attrici filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet migjuba mis-socjeta' konvenuta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija tnejn u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,572.23). Bl-imghax ikun dekorribli mid-data tas-sentenza sal–pagament*

*effettiv. Bl-ispejjez inkluz tal-Ittra Ufficjali taht l-Artiklu 166A ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta*

.

Aggravata b'dina id-decizjoni s-socjeta Avantgarde Holdings Limited tressaq l-impunjattiva illi t-Tribunal mar kontra l-prinċipji ta' ekwita li huwa marbut li jsegwi skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tieni aggravju imbaghad tilmenta illi t-Tribunal ma iċċitax mix-xhieda imressqa minnha u l-motivazzjoni li wasslitu għall-konklużjoni li x-xhieda tas-soċjetà appellata huma kredibbli filwaqt li tagħha mhumiex. Tilmenta ukoll mil-fatt illi ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet dwar il-kondizzjonijiet li kellhom japplikaw għas-servizz prestat mis-soċjetà appellata. Fir-raba aggravju is-soċjeta appellanti tilmenta illi anke jekk t-talba tas-soċjetà appellata tisthoqq akkoljiment, il-hlas qatt ma kellu jkun fl-ammont ta' 10% tal-*first year's gross annual salary*. Finalment tilmenta illi tali ammont ma kellux ikun dovut peress illi is-servizz reż mis-soċjetà appellata lis-soċjetà appellanti ma kienx skond is-sengħa u l-arti.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti:

Is-soċjetà appellata inkarigat lis-soċjetà appellanti sabiex din tiehu hsieb ta'l-ingagg ta' impjegat stante illi l-istess socjeta kienet toffri dana it-tip ta' servizz. Illi sussegwentment ghal dan is-socjeta appellata kienet offriet lil certu Bernard Agius ghall-impjieg indikat lilha mis-socjeta appellanti u sussegwentament is-soċjetà appellanti għamlitlu l-*interview*. Is-soċjetà appellanti tgħid illi l-persuna in kwistjoni ġiet impjegata bħala Logistics Manager, kif fil-fatt ġie imniżżel fuq il-kuntratt ta' impjieg tiegħu, izda *da parti* tagħha is-soċjetà appellata tgħid illi din kellha tigi impjegata bħala *clerk*. L-impjieg ta' Bernard Agius ġie terminat meta dan ġie magħmul *redundant*, pero da parti tagħha is-soċjeta appellanti tgħid illi huwa fil fatt tkeċċa. Is-soċjetà appellata fittxet lis-soċjeta appellanti

għal hlas ghas-servizzi reżi minnha. Illi t-Tribuanl laqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta attriċi u ordna lis-soċjeta konvenuta appellanti Avantgarde Holding Ltd sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' elf, ħames mija, tnejn u sebgħin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu.

Illi fl-ewwel aggravju minnha interpost, is-soċjetà appellanti tilmenta illi t-Tribunal mar kontra l-prinċipji ta' ekwita li huwa marbut li jsegwi skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 380. Tgħid illi t-Tribunal uża ċertu terminoloġija fil-konfront tagħha li kienu inopportuni u inġusti.

Jiġi osservat minn din il-Qorti illi *"l-kuncett ta' l-ekwita` jaspira ruhu ghar-regola ta' gudizzju li, ghalkemm mhix miktuba, tikkonsenti, b' riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b' mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fatti". Ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Paul Portelli -vs- Paula Buttigieg**", Appell Inferjuri (Ghawdex), 5 ta' Lulju 2006. Gudizzju dan li jimplika valutazzjoni specifika, libera u elastika u li tikkonsenti lill-gudikatur li jiddevja mir-rigur tas-summum jus in relazzjoni ghall-elementi partikolari tal-kaz. Jikkonsegwi illi dan hu zvinkolat mill-osservanza rigoruza ta' certi normi ta' dritt u ghaldaqstant hu jista' jirrikorri ghall-principju ta' dik il-prudenza u ta' l-opportunita` li tidher hekk ekwa fil-kuxjenza tieghu ghas-soluzzjoni tal-kontestazzjoni*[1].

Premess dan, il-Qorti tosserva illi minn ezami tal-atti probatorji, jirriżulta illi l-materja li dwarha iddelibera t-Tribunal kienet wahda essenzjalment ta' fatt u fiha innifisha ma timporta ebda gudizzju tad-dritt ekwitattiv. Ġjaladarba il-gudizzju tat-Tribunal li minnu ġie interpost l-appell odjern huwa biss apprezzament tal-provi maghmul quddiemu, fejn fid-diskrezzjoni tieghu ghazel

[1] Rita Bihiga vs Adrian Busuttil – App. Inf. 1/11/2006

li jaghti piz iktar lill-verzjoni tal-appellat milli lil dik tal-appellanti, il-Qorti ma tarax illi tali jedd moghti lil kull min huwa imsejjah biex ighaddi gudizzju seta' b'xi mod fisser illi t-Tribunal mexa b'mod imparzjali b'dan illi b'xi intenzjoni pozittiva iffavorixxa lil parti ghad-detriment ta' parti l-ohra. Il-Qorti tara illi allegazzjonijiet serja fil-kliem adoperat mis-socjeta appellanti huma barra minn lokhom meta ma hemm xejn x'jindika mill-atti istruttorji illi kien hemm xi kolluzjoni bejn it-Tribunal u s-socjeta appellata. Il-Qorti ma tistax hlief ticcensura atteggjament bhal dan ta' parti li ghax il-gudizzju ma ikunx favorevoli ghaliha ,tallega minghajr ebda bazi xi imparzjalita fil-konfront taghha mill-gudikant. Illi fuq kollox kien il-legislatur stess li stabilixxa li l-proceduri quddiem it-Tribunal ghandhom jigu immexxija bil-mod kif il-gudikant jidhirlu xieraq b'rispett lejn il-principji tal-gustizzja naturali u fuq kollox b'mod spedit u minghajr formalizmu zejjed. Dan il-jedd ma jistax, imbaghad jigi uzat mill-parti sokkombenti ghad-decizjoni tat-Tribunal biex jivvanta xi lezjoni tad-dritt ekwitattiv fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant dan l-aggravvju ser jigi michud billi jirrazenta il-fieragh.

Dina l-ewwel impunjattiva tallaccja ruhha mat-tieni aggravju imressaq mis-socjeta appellanti fejn tilmenta illi t-Tribunal kien preġudikat kontra l-appellanti għaliex sempliċiment għamel riferenza għax-xhieda tagħha mingħajr lanqas biss iċċitta minn din ix-xhieda. Hija tgħid illi sabiex it-Tribunal jiddeċiedi kawża a bażi ta' kreddibilita għandha issir riferenza ċara għall-partijiet tax-xhieda li mhumiex kredibbli u tingħata raġuni ċara għalfejn il-ġudikant qiegħed jikkonkludi dan.

Din il-Qorti tosserva illi it-Tribunal għamel analiżi kritika tal-provi u wasal għall-konklużjoni tiegħu. Din il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandhiex taqbel mal-konklużjoni milħuqa mit-Tribunal, għall-istess raġunijiet mogħtija minnu.

Il-partijiet fil-kawża odjerna ma jaqblux fuq jekk l-email bit-*terms and conditions of business* effettivament waslitx għand is-soċjetà appellanti. Din il-Qorti ser tagħmel konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan meta tigi biex tanalizza t-tielet aggravju. Il-partijiet ukoll ma jaqblux dwar x'rwol kellu jimla Bernard Agius, li huwa l-persuna li rrakmandat mis-soċjetà appellata. Anke f'dan ir-rigward il-Qorti ser tagħmel konsiderazzjonijiet tagħha iktar 'il quddiem meta tigi biex titratta l-ħames aggravju. Sufficjenti li jiġi osservat f'dan l-istadju illi l-partijiet lanqas jaqblu dwar kif ġie terminat ix-xogħol ta' Bernard Agius, bis-soċjetà appellanti tgħid illi intemmlu x-xogħol għax ma kienx kompetenti minkejja illi r-raġuni moghtija għat-terminazzjoni tal-impjieg kienet wahda ta' *redundancy*. Lanqas ma jaqblu l-partijiet dwar it-tul ta' żmien li dam impjegat Bernard Agius. Pero għall-fini ta' dan l-aggravju f'dan l-istadju jibbasta li jinghad illi dak li wassal ghad-decizjoni tat-Tribunal ma kien xejn ghajr apprezzament tal-provi li kienu jinsabu fl-atti bil-kontradizzjonijiet kollha li kien hemm fihom.

*"Issa ġie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti tal-ewwel grad ma għandux normalment jiġi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza Superjuri u li dan għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu l-Qorti ta' reviżjoni illi l-apprezament tal-Ewwel Qorti kien tant żbaljat li altrimenti tkun ser tiġi kkrejata inġustizzja. Dan għaliex hu ċar li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita li tisma x-xhieda viva voċe u kienet f'qagħda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni objettivament korretta tal-kredibilita o meno tagħhom. Vantaġġ li l-Qorti tal-Appell ġeneralment ma għandhiex.*[2]*"*

[2] Carmelo Agius Vs John Agius, AI, 02/12/1994

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Qorti ma tarax illi hemm raguni gravi u impellenti li tista' b'xi mod twassalha beix titbieghed minn dan ir-ragjonament hekk maghmul mit-Tribunal bis-setghat moghtija lilu bil-ligi.

Fit-tielet aggravju sollevat minnha, is-soċjeta appellanti tgħid illi s-soċjetà appellata qatt ma ġabet prova li t-*terms of business* tas-soċjetà appellata inġiebu a konjizzjoni tas-soċjetà appellanti. Tgħid illi t-Tribunal ibbaża s-sentenza tiegħu fuq l-eżistenza ta' kuntratt, filwaqt illi ma kien hemm ebda pattijiet miftiehma bejn il-partijiet.

Jirriżulta lil din l-Qorti illi l-kondizzjonijiet fil-fatt gew miftiehma bejn il-partijiet u dan kif imfisser fl-*email* datata 18 ta' April 2008 (fol.17 tal-atti) li fiha *attachment* f'*pdf format* tat-*terms of business* li intbagħtet mis-socjeta appellata lil Joseph Vella. Jingħad ukoll illi l-partijiet fil-kawża odjerna kellhom l-opportunita li jaħdmu flimkien fil-passat, għaldaqstant din il-Qorti hija moralment konvinta illi s-soċjetà appellanti kienet midħla ta' kif kienet topera s-soċjetà appellata. Illi l-klawsola 2.1 ta' dawn it-*terms of business* tistipula:
*"These Terms of Business are deemed to be accepted by the Client by virtue of an introduction to, or the Engagement of a Candidate or by passing of any information about the Candidate to any third party following an introduction."*

Mal-mument illi s-soċjetà appellanti, ghalhekk, impjegat lil Bernard Agius hija ġiet li aċċettat it-*terms of business* hawn fuq indikati. Għal dawn ir-raġunijiet anke dan it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

Għall-istess raġunijiet anke ir-raba aggravju għandu jiġi miċħud. Ġaladarba kif ġie ritenut fit-tielet aggravju jirriżulta illi t-*terms and conditions of business* japplikaw, allura jsegwi illi tapplika ukoll il-kondizzjoni stipulata fl-istess

ftehim konkluz bejn il-partijiet mal-ingagg ta’ Agius mas-socjeta appellanti u cioe’:

*The fee payable to the Company by the Client for an introduction resulting in an engagement is of 10% of the first year’s gross annual salary,* u għaldaqstant is-soċjetà appellanti intrabtet li tħallas lis-socjeta appellanti ingaggata minnha biex tirrendielha tali servizz fl-ammont ta’ 10% tal-*first year’s gross annual salary.*

Fl-ahhar aggravvju is-soċjetà appellanti tilmenta illi tali servizz ma kienx skond is-sengħa u l-arti. Is-soċjetà appellanti tgħid illi s-soċjetà appellata sabet għaliha kandidat idoneo għall-grad ta’ *Stores Clerk* meta huma riedu lil xi ħadd idoneo sabiex jimla l-vacancy ta’ *Logistics Manager*.

Jiġi osservat illi l-*employment history* ta’ Bernard Agius kienet tindika illi huwa kien impjegat għal żmien twil bħala *store keeper* mas-socjeta Gasan u dan kif ukoll jirriżulta minn *e mail* a fol 13. L-applikazzjoni tax-xoghol maghmula minn Bernard Agius (a fol 27) turi ukoll b’mod ċar illi huwa kellu esperjenza ta’ *stores clerk*, u dan kif attestat ukoll mill-ittra a fol 29 ta’ Gasan Enterprises. Kwindi kellu jirriżulta illi s-soċjetà appellanti kienet ben konxja tal-esperjenza lavorattiva ta’ dan Bernard Agius. Agius ighid hekk fix-xhieda tieghu:

*“Meta applikajt mal-Konnekt qatt ma riedu Logistic Manager, il-post kien ta’ ‘store keeper’ .... ... kieku r-reklam kien ta’ Logistic Manager jien ma kontx napplika ghaliex m’inix kompetenti ghal dan il-post.”* XDan il-fatt jidhe rilli kien maghruf ukoll mal-amminsitrazzjoni tas-socjeta appellanti fosthom Manuel Camilleri li kellu konoxxenza ta’ Agius u l-esperjenza lavorattiva tieghu. Apparti dan il-curriculum vitae ta’ Bernard Agius kienet tindika car u tond illi huwa kellu 40 sena esperjenza bhala *store keeper* mas-socjeta Gasan Enterprises.”

Kwindi lil din il-Qorti jirriżultalha illi s-soċjetà appellanti kienet taf ben tajjeb x'kienet l-*employment history* u l-esperjenza ta Bernard Agius. Minkejja dan hija imbagħad għażlet illi timpjegah fi grad ieħor, kif jirriżulta mill-kuntratt ( a fol 42 ) fejn jirriżulta illi huwa ġie impjegat bħala *Logistics Manager*. Pero din kienet għażla tas-soċjetà appellanti u ma tistax issa tgħid illi is-soċjetà appellata ma għamlitx xogħolha sewwa għax irrakmandat persuna mhux idonea u allura din ma għandhiex titħallas. Għal din ir-raġuni anke dan il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud.

Jifdal ghalhekk biex jigi trattat l-appell incidentali introdott mis-soċjetà appellate Konnekt Talent Search and Selections Co Ltd u dan limitatament ghal dak li jirrigwarda il-kundanna ghal hlas ta'l-imgahxijiet fuq is-somma mitluba.

Illi t-tribunal laqa' t-talba bl-imghax ikun dekorribli mid-data tas-sentenza sal–pagament effettiv. Dwar minn meta għandu jibda jiddekkorri l-imgħax gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta:

***"Fuq l-aggravju ta' l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta' l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O'Connor –vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999. Ghall-precizazzjoni d-data ghandha tkun it-12 ta' Lulju 1999 (data tan-***

***notifika tal-avviz) u mhux it-2 ta' Lulju 1999 (data tal-introduzzjoni tal-att). Fogg Insurance Agencies Limited Noe Vs Tabone Paul Of Appeal (Civil, Inferior) 17/02/2003***

Premess dan l-insenjament ġuridiku allura huwa evidenti illi l-aggravvju imressaq mis-socjeta appellate fl-appell inċidentali jisthoqq akkoljiment u dan billi it-Tribunal ma ghaddiex biex illikwida l-ammont dovut, billi dan kien diga stabbilit abbazi tal-ftheim milhuq bejn il-partijiet u kwindi l-imghaxijiet legali fuq is-somma ta' € 1572,23 għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-avviż.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mis-socjeta appellanti qed jigi michud, izda tilqa' l-aggravvju sollevat mis-socjeta appellata fl-appell incidentali introdott minnha, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkundanna lis-socjeta appellanti thallas lis-socjeta appellata is-somma €1572.23 bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mill-10 ta' Lulju 2010.

L-ispejjez ikunu ghak-karigu tas-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------